Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru° 22/16**
il-Lussemburgu, l-1 ta’ Marzu 2016

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawżi magħquda C-443/14 u C-444/14
Kreis Warendorf vs Ibrahim Alo u
Amira Osso vs Region Hannover

# Il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni fuq ir-relazzjonijiet bejn il-libertà ta’ moviment tal-benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali u l-miżuri intiżi li jiffaċilitaw l-integrazzjoni tagħhom

*Obbligu ta’ residenza jista’ jiġi impost fuq il-benefiċjarji ta’ protezzjoni sussidjarja jekk dawn ikunu kkonfrontati b’iktar diffikultajiet ta’ integrazzjoni mill-persuni l-oħra mhux ċittadini tal-UE li jirresjedu legalment fl-Istat Membru li ta din il-protezzjoni*

Skont direttiva tal-Unjoni[1], l-Istati Membri għandhom jippermettu li l-persuni li lilhom taw l-istatus ta’ benefiċjarju ta’ protezzjoni sussidjarja[2] jiċċaqilqu liberament fit-territorju tagħhom taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk irriżervati għall-persuni oħra mhux ċittadini tal-UE li jirrisjedu hemm legalment.

Id-dritt Ġermaniż jipprevedi li, meta l-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja jirċievu benefiċċji soċjali, il-permess ta’ residenza tagħhom għandu jkun akkumpanjat mill-obbligu ta’ residenza f’post stabbilit (iktar ’il quddiem “obbligu ta’ residenza”). Minn naħa, dan l-obbligu jista’ jkun intiż li jiżgura distribuzzjoni ġusta tal-piż ta’ dawn il-benefiċċji bejn id-diversi istituzzjonijiet kompetenti f’dan il-qasam. Min-naħa l-oħra, l-għan tiegħu jista’ jkun li jiffaċilita l-integrazzjoni tal-persuni mhux ċittadini tal-UE fis-soċjetà Ġermaniża.

Ibrahim Alo u Amira Osso huma ċittadini Sirjani li vjaġġaw lejn il-Ġermanja rispettivament fl-1998 u fl-2001. Huma ngħataw il-benefiċċju ta’ protezzjoni sussidjarja. Ġie impost ukoll fuqhom obbligu ta’ residenza, obbligu li huma jikkontestaw quddiem il-qrati Ġermaniżi. It-tilwima issa tinsab quddiem il-Bundesverwaltungsgericht (qorti amministrattiva federali, il-Ġermanja), li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-obbligu ta’ residenza huwiex kumpatibbli mad-direttiva.

Permezz tas-sentenza tagħha ta’ dan il-jum, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata qabelxejn li **d-direttiva timponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jippermettu li l-persuni li lilhom taw l-istatus ta’ benefiċjarju ta’ protezzjoni sussidjarja mhux biss ikunu jistgħu jiċċaqilqu liberament fit-territorju tagħhom, iżda wkoll li fl-istess territorju jkunu jistgħu jagħżlu l-post tar-residenza tagħhom**. Konsegwentement, obbligu ta’ residenza imposta fuq dawn il-persuni jikkostitwixxi restrizzjoni fuq il-moviment liberu ggarantit mid-direttiva. Meta dan l-obbligu huwa impost biss fuq il-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja li jirċievu l-assistenza soċjali, huwa jikkostitwixxi wkoll restrizzjoni għall-aċċess ta’ dawn il-benefiċjarji għall-għajnuna soċjali prevista mid-dritt tal-Unjoni.

F’dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li l-benefiċjarji ta’ protezzjoni sussidjarja ma jistgħux, bħala prinċipju, jiġu sottomessi għal sistema iktar ristrettiva minn dik applikabbli għall-persuni mhux ċittadini tal-UE li jirresjedu legalment fl-Istat Membru kkonċernat, fir-rigward tal-għażla tar-residenza tagħhom, u minn dik applikabbli għaċ-ċittadini ta’ dan l-Istat, fir-rigward tal-aċċess għall-assistenza soċjali.

[1] Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta’ Diċembru 2011, dwar standards għall-kwalifika ta’ ċittadini nazzjonali ta’ pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU L 337, p. 9).
[2] L-istatus ta’ protezzjoni sussidjarja jista’ jingħata lill-persuni mhux ċittadini tal-UE li ma jiġux ikklassifikati bħala refuġjat iżda li, għall-motivi serji u ppruvati, għandhom bżonn protezzjoni internazzjonali.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li huwa possibbli li jiġi impost obbligu ta' residenza biss fuq il-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja jekk dawn ma jinsabux, fid-dawl tal-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, f'sitwazzjoni oġġettivament komparabbli għal dik tal-persuni mhux ċittadini tal-UE li jirrisjedu legalment fl-Istat Membru kkonċernat jew għal dik taċ-ċittadini ta' dan l-Istat.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrikonoxxi li l-ispostament ta' benefiċjarji ta' benefiċċji soċjali jew il-konċentrazzjoni mhux indaqs tagħhom fit-territorju ta' Stat Membru jistgħu jimplikaw distribuzzjoni mhux xierqa tal-piż finanzjarju marbut ma' dawn il-benefiċċji fost id-diversi istituzzjonijiet kompetenti f'dan il-qasam. Madankollu, tali distribuzzjoni mhux indaqs tal-piżijiet ma hijiex marbuta speċjalment mal-kwalità eventwali ta' benefiċjarju ta' protezzjoni sussidjarja tal-persuni li jirċievu benefiċċji soċjali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, **id-direttiva tipprekludi l-impożizzjoni ta' obbligu ta' residenza biss fuq il-benefiċjarji tal-istatus ta' protezzjoni sussidjarja sabiex tinkiseb distribuzzjoni xierqa tal-piżijiet marbutin mal-benefiċċji inkwistjoni**.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li hija l-qorti Ġermaniża li għandha tivverifika jekk il-benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja li jirċievu l-assistenza soċjali humiex ikkonfrontati b'iktar diffikultajiet ta' integrazzjoni mill-persuni l-oħra mhux ċittadini tal-UE li jirresjedu legalment fil-Ġermanja u li jirċievu l-għajnuna soċjali. Fil-każ fejn dawn iż-żewġ kategoriji ta' persuni ma humiex f'sitwazzjoni komparabbli fid-dawl tal-għan intiż li jiffaċilita l-integrazzjoni tal-persuni mhux ċittadini tal-UE fil-Ġermanja, **id-direttiva ma tipprekludix li l-benefiċjarji tal-istatus ta' protezzjoni sussidjarja jkunu sottomessi għal obbligu ta' residenza bil-għan li tiġi promossa l-integrazzjoni tagħhom,** u dan, anki jekk dan l-obbligu ma japplikax għall-persuni oħra mhux ċittadini tal-UE li jirrisjedu legalment fil-Ġermanja.

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106*